C/2024/6196

15.10.2024

Avviż għall-attenzjoni tal-persuni soġġetti għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/638/PESK, kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/2693 u fir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1284/2009, kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/2042 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Guinea.

(C/2024/6196)

L-informazzjoni li ġejja qed tingħieb għall-attenzjoni tal-persuni li jidhru fl-Anness għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/638/PESK [1], kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/2693 [2], u fl-Anness II għar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1284/2009 [3], kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/2042 [4] dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Guinea.

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ddetermina li l-persuni li jidhru fl-Annessi msemmija hawn fuq ikomplu jissodisfaw il-kriterju stabbilit fid-Deċiżjoni 2010/638/PESK, kif emendata bid-Deċiżjoni (PESK) 2024/2693 u fir-Regolament (UE) Nru 1284/2009, kif emendat bir-Regolament (UE) 2022/2042 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Guinea u għalhekk għandhom jibqgħu soġġetti għall-miżuri. Ir-raġunijiet għad-dežinjazzjonijiet ta' dawn il-persuni jidhru fl-entrata rilevanti f'dawk l-Annessi.

Tingħibed l-attenzjoni tal-persuni kkonċernati għall-possibbiltà li ssir applikazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat (i) Membru/i rilevanti kif indikat fis-siti web fl-Anness III għar-Regolament (UE) Nru 1284/2009, sabiex tinkiseb awtorizzazzjoni biex il-fondi ffriżati jintużaw għal ħtiġijiet bażiċi jew ħlasijiet speċifiċi (ara l-Artikolu 8 tar-Regolament).

Il-persuni kkonċernati jistgħu jressqu talba quddiem il-Kunsill **qabel l-20 ta' Ġunju 2025**, flimkien ma' dokumentazzjoni ta' sostenn li jenħtieġ li d-deċiżjoni li tinkludihom fil-lista msemmija hawn fuq terġa' tiġi kkunsidrata, fl-indirizz li ġej:

Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Segretarjat Ġenerali
RELEX.1
Rue de la Loi/Wetstraat 175
1048 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË
Email: sanctions@consilium.europa.eu

Ser jittieħed kont ta' kwalunkwe osservazzjoni riċevuta għall-fini tar-rieżami li jmiss tal-Kunsill, skont l-Artikolu 8 tad-Deċiżjoni 2010/638/PESK, kif emendata bid-Deċiżjoni (PESK) 2024/2693, dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Guinea.

Tingħibed ukoll l-attenzjoni tal-persuni kkonċernati għall-possibbiltà li jikkontestaw id-Deċiżjoni tal-Kunsill quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 275, it-tieni paragrafu, u l-Artikolu 263, ir-raba' u s-sitt paragrafi, tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

---

(1) ĠU L 280, 26.10.2010, p. 10.
(2) ĠU L, 2024/2693, 15.10.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/2693/oj.
(3) ĠU L 346, 23.12.2009, p. 26.
(4) ĠU L 275, 25.10.2022, p. 48.